MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 272/2011

**AB**
**vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrent ippremetta:

Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata fl-14 ta’ Marzu 1992 fil-Knisja Parrokjali ta’ San Bastjan f’Hal Qormi;

Illi l-esponenti ssepara legalment minn ma martu permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil datat 11 ta’ Settembru 2003 u dana wara li gie awtorizzat sabiex jaghmel hekk permezz ta’ digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti datat 11 ta’ Settembru 2003;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal jisimhom FF li illum ghandha tmintax il-sena u GG li illum ghandu hmistax il-sena;

Illi peress li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti kien diga dikjarat legalment separat b’separazzjoni legali u issa ghaddew sew iktar minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali;

Illi l-partijiet ma ghandhom ebda pendenza dwar manteniment bejniethom;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenut tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi l-esponenti taqbel ma dak premess mir-rikorrent;

Illi, ghalhekk, l-esponenti ma jsib l-ebda oggezzjoni li jigi ppronunzjat id-divorzju a tenur ta’ l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi l-esponenti tixtieq tirriverti ghal kunjom xbutbitha “Zerafa”;

Illi l-esponenti m’ghandhiex tbati l-ispejjez;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta’ Ottubru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi ilu legalment separat mill-11 ta’ Settembru 2003;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda pendenza dwar manteniment bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut fil-konfront ta’ l-iben minuri tal-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------